MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1166/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**VS**

**Joseph Paul Azzopardi ta' 21 sena bin Paul u Jane nee` Bonnici, imwieled ir-Rumanija nhar is-17 ta' Settembru 1989, residenti Binja Gublew tal-Fidda, Entratura A, Flat 4, Triq Oreste Kirkop, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 579589(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputatazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Paul Azzopardi li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Marzu 2010, ghal habta ta' 5am gewwa Triq Giorgio Preca, San Gwann:

1 Atakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` PS157 Brian Mifsud u PC220 Lawrence Paul Cardona, filwaqt li kienu jagixu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mghoti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna.

3. Ikkaguna griehi volontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS157 Brian Mifsud u PC220 Lawrence Paul Cardona u dan skond kif iccertifika Dr. M. Schembri M.D. Reg. No. 1460 mill-Poliklinika tal-Furjana.

4. U aktar talli, fl-istess data hin lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ghamel hara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli ghad-dannu ta' Marco Borg u Spiridione Aquilina.

5. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjali tal-Pulizija.

6. U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jaghmel dan;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt li dan kien incident izolat fejn l-imputat kien ghaddej minn certi diffikultajiet f'hajtu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 328(d), 338(ee)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti f'din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa ma jobdix xi ordni mghotija lilu mill-Probation Officer.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghad lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------